# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum, 26 ta' Mejju 2022

**Rik. Gur. Nru.: 164/2019/3 JPG**

**Kawza Nru.: 19**

**RB**

**Vs**

**JB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JB datat 4 ta' Frar 2022, a fol 2, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta` (2006) u miz-zwieg taghhom twieled il-wild K nhar X;*

2. *Illi l-partijiet ormai ilhom ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni ghall-iktar minn tliet snin;*

3. *Illi jirrizulta illi bejn il-partijiet m'ghadhiex tezisti l-possibilita` rikonciljazzjoni u fil-fatt huma ilhom jghixu separati anke fizikament, ghal diversi snin;*

4. *Illi sal-lum il-proceduri odjerni ghadhom fi stadju ta' provi attrici, izda sal-lum jirrizulta li l-inkartament kollu pertinenti ghall-kontijiet bankarji u assi li l-partijiet ghandhom u kellhom tul iz-zwieg, jinsab in atti, u tressqu mir-rapprezentanti tal-banek lokali u awtoritajiet relattivi quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Mandy Carabott;*

5. *Illi ghalhekk il-konsistenza tal-assi matrimonjali tinsab fl-atti processwali, anke jekk sal-lum m'hemmx qbil dwar l-eventwalita` divizjoni u likwidazzjoni tal-istess;*

6. *Illi ghalhekk l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dispositiv tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u qed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti;*

7. *Illi t-talba tal-esponent bl-ebda mod ma tippregudika lill-attrici, anzi l-esponent jikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel; liema hsieb gie anke kondiviz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz* **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizz***i deciz fit-28 ta' Marzu 2014 fost hafna gurisprudenza ohra;*

8. *Illi f'dar-rigward, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi:*

   *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat".* ***Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."[1]*** *(Emfasi Mizjuda);*

9. *Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi l-attrici fir-rikors guramentat taghha wkoll talbet ghax-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghaldaqstant, hi m'ghandhiex ghalfejn topponi ghall-istess talba imressqa permezz tar-rikors odjern;*

*Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-art. 55 tal-Kap 16, kif ukoll*
2. *tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timponi fuqu*

[1] Rik. Gur. 257/11, **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizz**i deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014

*terminu, sabiex istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess direttur.*

Rat illi r-rikors flimkien mad-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RB datata 2 ta Marzu 2022, a fol 79 et seqq., li taqra hekk:

*Illi fil-prinċipju r-rikorrenti ma kienx ikollha oġġezzjoni għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ta' JB għaliex huwa minnu li l-partijiet jgħixu ħajja separata u m'hemmx lok għal rikonċiljazzjoni;*

*Illi madanakollu irid jingħad illi l-komunjoni tal-akkwisti bl-ebda mod qatt ma telfet lil JB milli jitlaq lil familtu u jkompli ħajtu ma' terza persuna kif ukoll illi jibda negozju ieħor. Proprju minħabba l-komunjoni tal-akkwisti n-negozju l-ġdid ta' JB ġie stabbilit u qiegħed jiġi ġestit taħt l-isem tas-sieħba ta' JB;*

*Illi allura wieħed jistaqsi għaliex proprju din it-talba qed issir issa u mhux qabel speċjalment in vista tal-fatt li l-proċeduri ilhom għaddejjin tlett (3) snin kif ġie dikjarat fir-rikors ta' JB stess;*

*Illi l-esponenti tixtieq tikkjarifika illi minkejja li l-proċeduri ilhom għaddejjin tlett (3) snin, il-provi tar-rikorrenti għadhom kemm bdew jiġu preżentati u dan kemm minħabba n-nuqqas ta' seduti minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll minħabba l-fatt li kienu għaddejjin negozjati sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim liema negozjati għadhom filfatt għaddejjin;*

*Illi JB għażel li jintavola r-rikors proprju f'dan il-punt wara li ġew ppreżentati l-inkartamenti tal-Bank u ħareġ li fil-preżent hemm differenza bejn il-pagamenti li qed isiru mill-partijiet għas-self mal-Bank u dan minħabba li l-esponenti kellha taqa' fuq reduced hours sabiex tkun tista' tieħu ħsieb lill-iben minuri tal-partijiet;*

*Illi allura mhux minnu li mhux ser jiġi soffert "preġudizzju mhux proporzjonat" għaliex dawn it-talbiet huma ntenzjonati sabiex l-attriċi tiġi sfurzatha taċċetta ftehim li hu inqas ġust għaliha u għall-minuri u dan sabiex tkun tista' tleħħaq mal-*

*ispejjeż li hemm fil-preżent għaliex l-attriċi proprju ma tistax bl-introjtu tal-preżent tagħmel żewġ pagamenti għas-self fuq id-dar u għas-self fuq il-garaxx tal-partijiet;*

*Illi l-esponenti bir-rispett tissottometti illi waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2022 hija ġiet imwaqqfa milli tkompli tixhed sabiex t-trattattivi bejn il-partijiet biex jaslu għall-ftehim bonarju ma jiġux imfixkla bix-xhieda tal-esponenti u allura l-esponenti issa tistaqsi jekk hux il-mument opportun li jkun hemm bidla drastika fil-pożizzjoni tal-partijiet billi tiġi mwaqqfa l-komunjoni tal-akkwisti;*

*Illi bir-rispett jiġi sottomess illi kemm-il darba l-komunjoni tal-akkwisti tiġi mwaqqfa f'dan il-punt, JB mhux ser jibqalu nċentiv sabiex jasal għal ftehim għaliex ser ikun qed jgħix ħajja totalment separata mill-esponenti b'mod effettiv u għalhekk l-esponenti bir-rispett tissottometti illi mhux il-mument opportun għal dawn it-talbiet;*

*Illi kemm-il darba l-partijiet jaslu fi ftehim fir-rigward tal-proprjeta', il-partijiet mgħandhomx għalfejn itawlu sabiex jaslu għal ftehim u jgħalqu fuq kollox inkluż fuq il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. Fin-nuqqas, kemm-il darba l-partijiet ma jaslux imbagħad ikun il-mument opportun li tiġi stabbilitha l-aħjar triq 'il quddiem għall-partijiet;*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tat-23 ta' Frar 2022, li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti illi il-partijiet kienu qieghdin bit-trattativi li jilhqu ftehim; (vide fol 7)

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza in parte wara talba maghmula mill-intimat permezz tar-rikors datat 4 ta' Frar 2022 fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> ***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Illi fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

**Ikkonsidrat:**

Illi l-attrici fir-risposta taghha sostniet illi siccome l-partijiet huma fi trattattivi sabiex jilhqu ftehim, sostniet illi mhuwiex il-mument opportun li l-Qorti taghati id-decizjoni taghha fir-rigward. Irriteniet illi jekk il-Qorti taghti d-decizjoni taghha fil-meritu, l-intimat ma jibqalu ebda ncentiv sabiex jasal ghal tali ftehim u dan stante li ser ikun jghix hajja totalment separata minn mal-istess attrici.

Il-Qorti taghraf illi l-konsiderazzjonijiet sollevati mill-attrici RB, illi dan mhuwiex il-mument opportun li tista tigi konsiderata taht l-Artikolu 55, Kap 16. Dan qieghed jnghad il-ghaliex il-partijiet ghandhom il-liberta shiha biex jaslu ghall-ftehim u din il-procedura ma tistax tintuza bhala lieva ghall-ottjeniment ta' ftehim.

Dak illi pero jippreokkupa lil din il-Qorti u li jitqies bhala pregudizzju mhux proporzjonat ghall-intimata, hi l-allegazzjoni tal-attrici, illi l-intimat fetah *business* mas-siehba tieghu u ghalhekk il-fondi tal-komunjoni tal-akkwisti jistghu jkunu meskolati u nvoluti fil-*business* ta' din it-terza persuna.

Hija tali konsiderazzjoni li filfatt tikkwalifika taht dak indikat mill-ligi bhala pregudizzju mhux proporzjonat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' JB ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba pregudizzju mhux proporzjonat da parti ta' RB.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**